

Brussell, 5 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12336/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0236 (NLE)

ECOFIN 1079
UEM 389
FIN 1145
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Awwissu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 432 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 432 final.

Mehmuż: COM(2026) 432 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2026
COM(2026) 432 final

2026/0236 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija**

{SWD(2026) 264 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (l-“RRP”) mill-Ungerija fil-11 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² (“id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022”). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³ u tal-10 ta' Lulju 2026⁴.
- (2) Fil-25 ta' Lulju 2026, l-Ungerija għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Ungerija ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Ungerija minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 36 miżura.
- (4) L-Ungerija spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba li l-investment ma jistax jiġi ffinalizzat fil-perjodu ta' żmien tal-RRF. Dan jikkonċerna l-investment 2 (Appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali) tal-komponent 1 (Demografija u edukazzjoni pubblika). Abbażi ta' dan, l-Ungerija

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 15447/22 INIT; ST 15447/22 ADD 1.

³ ST 15964/23 REV 1; ST 15964/23 REV 2 (bg); ST 15964/23 ADD 1.

⁴ ST 10914/26 INIT; ST 10914/26 ADD 1.

talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (5) L-Ungerija spjegat li 35 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-investment 1 (Żvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu tat-teknoloġija tas-seklu 21), ir-riforma 2 (Żieda fl-attrazzjoni tal-professjoni tat-tagħlim) u l-investment 3 (Modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-iskejjel) tal-komponent 1 (Demografija u edukazzjoni pubblika); l-investment 1 (Innovazzjoni istituzzjonali fl-edukazzjoni għolja), l-investment 2 (Diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni għolja) u l-investment 3 (Infrastruttura tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għas-seklu 21) tal-komponent 2 (Forza tax-xogħol kompetittiva u bi kwalifiki għoljin); l-investment 1 (Produzzjoni u użu tal-enerġija rinnovabbli f'insedjamenti żvantaġġati), l-investment 2 (Promozzjoni tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet abbażi ta' speċifikitajiet lokali) u l-investment 3 (pedagoġija orjentata lejn il-Komunità) tal-komponent 3 (Insedjamenti li qed jirkupraw); ir-riforma 1 (Sensibilizzazzjoni – ilma) u l-investment 1 (Protezzjoni tan-natura) tal-komponent 4 (Ġestjoni tal-ilma u ekonomija ċirkolari); l-investment 3 (Żvilupp ta' trasport bil-karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero), l-investment 6 (Spinta lill-użu ta' vetturi elettriċi) u r-riforma 2 (Riforma tas-servizzi ferrovjarji fl-Ungerija) tal-komponent 5 (Trasport ekoloġiku sostenibbli); ir-riforma 1 (Trasformazzjoni tar-regolamenti dwar l-elettriku), ir-riforma 3 (Aċċellerazzjoni tal-konnessjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli mal-grilja), l-investment 1 (Żvilupp tal-grilja klassika u intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni), l-investment 3 (Installazzjoni ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija tal-grilja), l-investment 4 (Disseminazzjoni ta' kejl intelliġenti) u l-investment 5 (Effiċjenza enerġetika u investimenti fl-enerġija rinnovabbli f'bini pubbliki) tal-komponent 6 (Enerġija – tranżizzjoni ekoloġika); l-investment 3 (Żvilupp tal-kura tas-saħħa primarja) tal-komponent 7 (Saħħa); ir-riforma 4 (Introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni tal-proprietà pubblika ("rieżami ġudizzjarju")), ir-riforma 11 (Żvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS) biex tiżdied it-trasparenza), ir-riforma 18 (Emendi leġiżlattivi li jsaħħu l-mekkaniżmi ta' ġestjoni, monitoraġġ u awditjar u kontroll biex jiggarantixxu l-użu tajjeb tal-appoġġ tal-Unjoni), ir-riforma 20 (Is-sistema Arachne għall-appoġġ tal-Unjoni), ir-riforma 21 (Stabbiliment ta' Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Integrità biex jissaħħaħ il-kontroll tal-kunflitti ta' interess meta jiġi implimentat l-appoġġ tal-Unjoni), ir-riforma 26 (Titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involvement effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet) u r-riforma 31 (Simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-ġhadd ta' taxxi) tal-komponent 8 (Governanza u amministrazzjoni pubblika); ir-riforma 3 (It-tisħiħ tar-rwol tal-aggregaturi), ir-riforma 5 (Il-ftuħ tas-swieq ta' riżerva regolatorja biex tiġi mħeġġa l-kompetizzjoni), ir-riforma 6 (L-espansjoni tal-komunitajiet tal-enerġija) u r-riforma 8 (Emenda/i għall-att(i) legali dwar l-enerġija ġeotermali) tal-komponent 9 (REPowerEU); ir-riforma 1 (Riforma tal-governanza ta' Magyar Fejlesztési Bank) u l-investment 1 (Injezzjoni ta' ekwità f'Magyar Fejlesztési Bank (MFB)) tal-komponent 10 (Ambjent tan-negozju) u l-investment 1 (Servizzi tal-gvern elettroniku) tal-komponent 11 (Innovazzjoni diġitali). Abbażi ta' dan, l-Ungerija talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (6) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-Ungerija talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda. Dan jikkonċerna l-investiment 2 (Appoġġ għall-użu ta' pannelli solari residenzjali u modernizzazzjoni tat-tiżhin) tal-komponent 6 (Enerġija – tranżizzjoni ekoloġika). Abbażi ta' dan, l-Ungerija talbet li jiżied il-livell tal-implimentazzjoni ta' miżura waħda. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (7) Ġew identifikati tliet żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw żewġ stadji importanti u miżura waħda taħt żewġ komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fid-9 ta' Ġunju 2026, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Ungerija. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-istadju importanti 61 tar-riforma 5 (Emenda tar-regoli relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi), l-istadju importanti 65 tar-riforma 9 (Tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta unika), l-istadju importanti 77 tar-riforma 19 (Strateġija kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni għall-implimentazzjoni, l-awditjar u l-kontroll tal-appoġġ tal-Unjoni) taħt il-komponent 8 (Governanza u amministrazzjoni pubblika). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (8) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (9) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Ungerija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (g), (h), (i), (j) u (k).

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 53,08 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (11) Il-RRP Ungeriż ikompli jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità billi jipprovdi appoġġ għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija, il-modernizzazzjoni tan-networks ta' trażmissjoni, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-elettrifikazzjoni tal-modalitajiet tat-trasport u għall-interventi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u taż-żamma tal-ilma. Iż-żieda fl-investiment 2 (Appoġġ għall-użu ta' pannelli solari residenzjali u modernizzazzjoni tat-tiżhin) tal-komponent 6 (Enerġija — tranżizzjoni ekoloġika) komplot iżżid l-

ambizzjoni klimatika tal-RRP, għalhekk, il-RRP rivedut ikompli jikkonforma ma' dan il-kriterju.

Valutazzjoni pożittiva

- (12) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (13) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Ungerija huwa ta' EUR 10 000 000 000. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Ungerija, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tar-Rumanija jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 6 511 661 435. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Ungerija tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (14) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Ungerija li jammonta għal EUR 3 488 338 565 jibqa' l-istess.
- (15) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għall-finijiet ta' ċarezza, l-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (16) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għall-Ungerija abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija huwa emendat kif ġej:

L-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President